

# PROGRAMM TAL-FESTA TAL-MADONNA TAL-GILJU

## 24 - 27 ta' Mejju 1973

# Il-Marci li ser jindaqqu fil-Festa tal-Madonna tal-Gilju

| | |
|---|---|
| **'John and Charles'** | *G. Tanti* |
| **'Triumphant'** | *Vince Ciappara* |
| **'Lily'** | *H. Dalli* |
| **'Tunnel to Freedom'** | *Jos. Tonna* |
| **'Splendid'** | *G. Tanti* |
| **'Franco Primo'** | *S. Zammit* |
| **'Spanish Fiesta'** | *G. Tanti* |
| **'Venere'** | *L. Bongailas* |

## LI SER ISSIR FL'IMQABBA

---

### Viva l-Modonna tal-Gilju

# FESTI TA' GEWWA

24 TA' MEJJU

| | |
|---|---|
| 6.30 p.m. | Quddiesa kantata, priedka mir-Rev. P. Norbert Ellul Vincenti M.A., OFM, Litanija u ċelebrazzjoni ewkaristika. |

25 TA' MEJJU

| | |
|---|---|
| 7.00 a.m. | Quddiesa kantata. |
| 6.00 p.m. | Quddiesa kantata, Priedka, Antifona, Litanija u Ċelebrazzjoni Ewkaristika. |

26 TA' MEJJU

| | |
|---|---|
| 7.00 a.m. | Quddiesa kantata. |
| 5.15 p.m. | Għasar bil-Vuċijiet. |

27 TA' MEJJU

| | |
|---|---|
| 5.00 a.m. | Quddiesa Parrokkjali. |
| 6.00 a.m. | Quddiesa Letta bl-Omelija. |
| 7.00 a.m. | Quddiesa Letta bl-Omelija. |
| 8.00 a.m. | Kant ta' Lawdi. |
| 8.30 a.m. | Quddiesa Kantata. Wara l-Evanġelu l-wisq reverendu patri Pietru Bonniċi O.P. jinseġ paniġierku ta' tifħir lill-Madonna. |
| 10.30 a.m. | Quddiesa Letta bl-Omelija. |
| 11.30 a.m. | Quddiesa Letta bl-Omelija. |
| 6.00 p.m. | Għasar Solenni bil-mużika. Wara toħroġ il-purċissjoni. Wara l-purċissjoni tingħata l-Barka Sagramentali. |

Il-funzjonijiet ta' nhar il-Festa jkunu mmexxija minn Dun Karm Ghigo.

Il-mużika tkun taħt id-direzzjoni tas-surmast Frank Diacono.

Fost affarijiet oħra din is-sena se jiżżanżan standard tal-fratellanza tal-Kunċizzjoni li se jiġi mbierek minn Dun Karm Bianco S. TH.D., L., DIP., LIT.

Se jiżżanżnu wkoll par interni tal-fidda u sett xemgħa ġodda ta' mal-Vara.

# FESTI TA' BARRA

26 TA' MEJJU LEJLET IL-FESTA

| | |
|---|---|
| 7.15 p.m. | Mixegħla Ġenerali |
| 8.00 p.m. | Il-banda ċittadina King's Own tferraħ it-toroq tar-raħal b'sett ta' marċi u wara tesegwixxi programm fil-pjazza tal-knisja. |
| 10.00 p.m. | Wirja ta' murtali tal-kulur fl-ajru. |
| 11.00 p.m. | Ħruq kbir ta' logħob tan-nar artistiku fil-pjazza tal-knisja. |

27 TA' MEJJU — JUM IL-FESTA

| | |
|---|---|
| 12.30 p.m. | Il-magħrufa banda 'Lily' fost entużjażmu kbir tferraħ it-toroq prinċipali tar-raħal. |
| 6.00 p.m. | Il-banda 'San Ġużepp' tal-Ħamrun tagħmel marċ minn triq il-parroċċa sal-pjazza fejn wara tesegwixxi programm mużikali.<br>Mal-ħruġ ta' l-istatwa titkanta l-Ave Marija mill-kor "Kantata Domino" u hekk kif l-istatwa tasal quddiem il-każin. l-istess kor ikanta l-innu lill-Madonna tal-Ġilju.<br>Waqt il-proċessjoni jkun hemm kaxxi nfernali, musketterija u murtali tal-kulur. |

# *Il-Kazin tal-Banda LILY*

MILLI wieħed jista' jiftakar, u mit-tagħrif li għandu l-każin, sa l-1910, fl-Imqabba kien hawn każin wieħed biss tal-Banda, li kien jieħu ħsieb il-festi tar-raħal.

Kien f'din is-sena li saret firda f'dan il-każin, u fl-1911 infetaħ l-ewwel każin li jieħu ħsieb il-festa tal-Madonna tal-Ġilju. L-isem ta' dan il-każin kien "Circolo Pio X", u l-ewwel president ta' dan il-każin kien is-sur Pawl Caruana, neguzjnat kbir li dam imexxi l-każin sal-mewt tiegħu fl-1925.

Bejn l-1911 u l-1934, fl-Imqabba, kienu jsiru festi kbar f'ġieħ "Il-Madonna tal-Ġilju", fejn kien jiġi armat ir-raħal kollu u jinġiebu baned kemm jistgħu. Fl-1935, il-Konċilju kkontrolla l-festa tal-Madonna tal-Ġilju għal kif inhi llum.

Fl-1936 l-ikbar benefattur li kellu l-każin, Mastru Bascal Xuereb wara li ħadem l-armar kollu tal-festa, ħa ħsieb li jibni maħżen fejn jintrefa' dan l-armar, u fl-1945 irranġa u bena l-faċċata tal-każin. Fil-bidu tal-gwerra l-każin ġarrab ħafna ħsarat bil-bombi u kellu jgħalaq. Fl-1944 wara li spiċċat il-gwerra l-partitarji ħadu ħsieb jirranġaw il-każin mill-ħsara li ġarrab u fl-istess sena l-każin reġa' ġie miftuħ mill-ġdid.

Il-kumitat mill-ewwel ħa ħsieb igħallem l-allievi biex iwaqqaf banda, taħt id-direzzjoni tas-surmast Darmanin. Fit-8 ta' Diċembru 1945, il-banda Lily tat l-ewwel programm b'numru sabiħ ta' 33 bandist ġdid taħt l-isem tal-Lily Band. Benefatturi kbar, għammru lil din il-banda b'sett ta' standardi u bandalora u b'kull ma kien jinħtiġilha l-banda.

Nies distinti f'Malta, għamlu żjajjar lil dan il-każin tal-banda f'okkażjonijiet differenti. Fl-20 ta' Ġunju 1957 u fis-7 ta 'Mejju 1967, Monsinjur Arċisqof Mikiel Gonzi, għoġbu jagħmel żjara fil-każin.

Fit-23 ta' Novembru 1951, l-Eċċellenza tiegħu Sir Gerald Creasy, gvernatur ta' Malta u s-sinjura tiegħu għamlu żjara lill-każin fejn ġew milqugħa b'merħba kbira.

Għalkemm illum fl-Imqabba wieħed isib bosta każini differenti, il-każin tal-banda 'Lily', għadu wieħed mill-aktar ċentri popolari fejn in-nies tar-raħal iqattgħu l-ħin liberu tagħhom.

# INNU
# lill-MADONNA tal-GILJU

Fost il-ward tal-ġonna mfewħa
kollu ġmiel il-Ġilju jfuħ;
F'dik il-bjuda, f'dik is-safa
Togħxa l-qalb flimkien mar-ruħ.

**(Rit) O Marija, Sbejħa, safja**
**Daqs il-ġilju tal-widien,**
**Warrab minna l-iċken tebgħa,**
**Lilek nagħtu ġieħ flimkien.**

Int bħall-kwiekeb kollha dija,
Int fil-ġmiel tgħaddiha x-xemx,
Fost il-ħlejjaq ta' l-imwieled,
Isbaħ minnek le ma hemmx!

Lilek għażlek sa minn dejjem,
Fost kulħadd biex tal-feddej,
Tkun il-Omm ħelwa, ġmiel ta' bjuda,
Dar li tixraq lill-Mulej.

**(Rit.) O Marija, Sbejħa, safja)**

Inti wrejt kemm tħobb is-safa
Meta l-Anġlu tak is-sliem.
Il-Mulej għolliek fil-kobor
X'ħin tal-fidwa għedt il-kliem:

**(Rit.) O Marija, Sbejħa, safja)**

U bqajt sbejħa, bqajt nadifa,
Waħdek, waħdek fost kulħadd,
Mal-ġmiel tiegħek żdied il-għaġeb
Li fid-dinja ma deher qatt!

**(Rit.) O Marija, Sbejħa, safja)**

**DUN FRANS CAMILLERI**